**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il- Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**-vs-**

**Mario Gauci**
**Emmanuel sive Noel Gauci**

Każ Nru: 641/2013

Illum 8 ta' Ġunju, 2022

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Mario Gauci detentur tal-karta tal-identita' numru 205857M u Emmanuel sive Noel Gauci detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 62270M

Akkużati talli f'dawn il-Gzejjer fil-perjodu li beda mit-30 ta' Awwissu 2010 sal-preżent b'diversi atti magħmulin b'riżoluzzjoni waħda approprjajtu ruħkom, billi dawwartu bi profit għalikom, jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor u cioe vettura tal-għamla DAF bin-numru ta' reġistrazzjoni TFJ240 proprjeta' ta' Sergio Sciberras, li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilkom taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-

ħaġa jew biex minnha jsir użu speċifikat liema vettura ġiet fdata lilkom minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tag[kom jew minħabba depożitu neċessarju u dan ai termini tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta.

Talli wkoll fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi bla ħsieb li tisirqu jew li tagħmlu ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċitaw jedd li tippretendu li għandkom, ġiegħltu bl-awtorita' tagħkom infuskom, lil ħaddieħor u cioe lil Sergio Grech iħallas dejn, jew jesegwixxi obligazzjoni tkun xi tkun jew fixkiltu lil imsemmi Sergio Grech fil-pussess ta' ħwejġu u dan ai termini tal-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

L-imputati jinsabu addebitati bir-reat ta' approprjazzjoni ndebita għad-dannu ta' Sergio Sciberras u ragion fattasi.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-fatti li wasslu għall-proċeduri odjerni kienu s-segwenti:

- Fl-4 ta' Novembru 2009 Sergio Sciberras xtara mingħand il-kumpanija Burmarrad Commercials Limited vann Leyland DAF, Reġistrazzjoni Numru TFJ-240 għall-prezz ta' €17,865.20, liema prezz tħallas kollu mal-konsenja.

- Dan il-vann inxtara *second hand*. Fix-xhieda tiegħu Sergio Sciberras stqarr li l-kumpanija kienet tagħtu garanzija ta' sitt xhur.

- Jirriżulta li fit-30 ta' Awwissu 2010, Gino Borg – impjegat ma' Sergio Sciberras – daħħal dan il-vann għand Burmarrad Commercials

Limited għal riparazzjonijiet. Dan kif jirriżulta minn dokument eżebit in atti[1].

- Fuq dan l-istess dokument hemm ukoll speċifikat li *'The invoice for the parts and labour relative to works carried out on this vehicle is to be paid before the said vehicle is delivered'.*

- Kif ikkonferma huwa stess fuq il-pedana tax-xhieda, Gino Borg iffirma dan id-dokument.

- Fl-10 ta' Settembru 2010 inħarġet invoice minn Burmarrad Commercials Limited indirizzata lil S. Trek, Ta' Sergio rigwardanti dan il-vann għall-ammont ta' €1,364.26[2].

- Sergio Sciberras jixhed li huwa ma riedx iħallas dawn il-flus għaliex dan il-vann qatt ma wżah għaliex kien qiegħed ikun dejjem bil-ħsara u dejjem kien ikun għand il-kumpanija. Il-kumpanija tatu trakk ieħor biex ikun jista' jaħdem bih. Qal li t-trakk mixtri minnu f'temp ta' erba' xhur daħal għand Burmarrad Commercials Limited madwar tlieta jew erba' darbiet. Żied li huwa qatt ma kien ħallas għat-tiswijiet.

  Sciberras jixhed li huwa bagħat lill-impjegat tiegħu diversi drabi, iżda ġie mgħarraf li t-trakk ma kienx se jieħdu minn hemm.

- Fil-21 ta' Ottubru 2010, l-avukat ta' Sergio Sciberras bagħat kwerela lill-Ispettur Edmond Cuschieri fl-Għassa tal-Mosta sabiex jittieħdu passi fil-konfront ta' Mario Gauci u Noel Gauci, direttur u impjegat ta' Burmarrad Commercials Limited bi ksur tal-artikoli 85 u 250 tal-Kodiċi Kriminali billi kienu qegħdin jirrifjutaw li jirrilaxxjaw il-vann jekk ma jitħallsux u dan sa mill-10 ta' Settembru 2010.

- Fit-22 ta' Ottubru 2010, il-kumpanija Burmarrad Commercials Limited ippreżentat tweġiba għall-ittra ittra uffiċjali magħmula minn S Trek Ltd – Ta' Sergio tas-16 ta' Settembru 2010 u talbet lil Sciberras iħallas l-ammont ta' €1,364.26 rappreżentanti prezz ta' spare parts u valur ta' xogħol fuq il-vettura inkwistjoni u interpellat ukoll sabiex mal-ħlas jieħu l-vettura lura mingħand il-kumpanija.

---

[1] Dok ED3 a fol 47 tal-proċess
[2] Dok Ed3 a fol 46 tal-proċess

- Fid-9 ta' Novembru 2010, Sergio Sciberras ippreżenta rikors ġuramentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-konfront ta' Burmarrad Commercials Limited li permezz tiegħu talab is-segwenti:

  *1. Tiddikjara li l-vann tal-marka Leyland DAF bin-numru tax-chassis 'LRAE45BFOL249555' u bin-numru ta' rġgistrazzjoni TFJ-240 mhuwiex tal-kwalita pattwita u huwa milqut b'difett moħbi sostanzjali li ma jippermettiehx jintuża għall-iskop li għalih inxtara;*
  *2. Tiddikjara konsegwentement maħlul il-kuntratt ta' bejgħ tal-imsemmi vann mill-kumpannija intimata lir-rikorrenti, bl-istess vann jerġa' jsir proprjeta tal-kumpannija intimata;*
  *3. Tiddikjara wkoll li l-kumpannija intimata għandha tirrifondi lir-rikorrenti l-prezz tax-xiri, l-ispejjeż inkorsi in konnessjoni mal-istess xiri u danni oħra subiti mir-rikorrenti;*
  *4. Tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' sbatax-il elef tmien mija u ħamsa u sittin euro u għoxrin ċenteżmu (€17,865.20) rapprżżentanti l-prezz tax-xiri tal-vann;*
  *5. Tillikwida l-ispejjeż ulterjuri inkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni max-xiri tal-vann mingħand il-kumpannija intimata u d-danni oħra subiti mir-rikorrenti;*
  *6. Tikkundanna lill-kumpannija intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata fil-ħames talba.*

- Fil-15 ta' Jannar 2013, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjoni tas-soċjeta konvenuta dwar id-dekadenza tal-azzjoni bit-trapass ta' sitt xhur a tenur tal-artikolu 1431(1) tal-Kapitolu 16 u għalhekk ċaħdet it-talbiet attriċi.

- Ġie ntavolat appell mis-sentenza.

- Fis-26 ta' Marzu 2013 intbagħtet korrispondenza oħra minn Sergio Sciberras permezz tal-avukat tiegħu lill-Ispettur Cuschieri fejn intalab li tali korrispondenza titqies bħala kontinwazzjoni tal-kwerela tal-21 ta' Ottubru 2010 u inġibdet l-attenzjoni tiegħu li l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali kienu jgħoddu fil-kuntest ta' dak spjegat lilu fil-kwerela preċedenti.

- Fl-10 ta' Lulju 2013 ġew preżentati fir-Reġistru ta' din il-Qorti l-akkużi odjerni miġjuba fil-konfront ta' Mario Gauci u Emmanuel sive Noel Gauci.

- F'diversi seduti ħadd ma deher.

- L-ewwel darba li deher Emmanuel Gauci kien fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2015, u l-Qorti ġiet infurmata li Mario Gauci ma setax ikun preżenti dakinhar.

- In atti hemm riferta minn fejn jirriżulta li Noel Gauci ġie notifikat biċ-ċitazzjoni nhar it-2 ta' Settembru 2015.

- Bid-deċiżjoni tagħha l-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2017 ċaħdet l-appell interpost u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel istanza.

**Ikkunsidrat**

Illi d-difiża ressqet 'il quddiem diversi eċċezzjonijiet li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati.

Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha d-difiża tissolleva l-punt li l-imputati tħarrku biss fil-vesti personali tagħhom u m'hemm imkien indikat imqar fiċ-ċitazzjoni li huma kienu qed jintalbu jwieġbu għal reat kommess mill-kumpanija.

Illi f'dan l-istadju, din il-Qorti se tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Zahra et**[3]

*Illi minn qari taċ-ċitazzjoni huwa evidenti illi l-appellant huwa mixli fil-kapaċita personali tiegħu. L-akkuża ma tagħmel ebda referenza għas-soċjeta Green Investments Limited li tagħha l-appellant huwa d-direttur. Issa s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li,*

[3] Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2019

*jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

*Illi minn qari akkurat tat-taħrika maħruġa fil-konfront tal-appellant jirriżulta illi l-partikolarijiet tiegħu ġew indikati korrettament sabiex b'hekk ma hemm l-ebda dubbju dwar l-identita tiegħu. Lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat li dwaru ġie mixli fl-imsemmija tahrika. Jirrizulta mill-provi izda illi dan ir-reat gie lilu addebitat bhala rapprezentant ta' korp guridiku billi hu ma kienx fizikament responsabbli ghal agir li allegatament wassal ghall-event dannuz mertu tal-kaz. Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi*

*"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."*

*Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta' kriminali hija waħda personali u mhux waħda rappreżentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp ċivili. Għalhekk ma hemmx għalfejn li l-appellant jiġi iċċitat fil-vesti ta' direttur jew in rappreżentanza ta' xi soċjeta' kummerċjali. Bizzejjed li jiġi ċitat b' mod ċar għal dak li jirrigwarda l-konnotati tiegħu personali basta li mill-korp tal-akkuża jkun jidher ċar li qed jiġi mħarrek jew akkużat minħabba r-responsabbilta' vikarja tiegħu bħala uffiċjali/diretturi tal-korp u mhux għal xi raġuni ohra. F'dan il-każ, iżda, dan ma seħħx, għalkemm il-fattispecje u l-provi jindikaw xort'ohra.*

*Kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici [26.5.1995]:-*

*"Meta persuna tiġi biex twieġeb għar-reat kommess minn għaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-taħrika għandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwieġeb għall-akkuża, u f' każ ta' sejbien ta' ħtija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tiġi inflitta fuqu u tiġi skontata minnu."*

*Iżda:*

*"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn għaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwieġeb personalment, fl-imputazzjoni jew fl-akkuża – mhux fl-isem tal-imputat jew akkużat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza – ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jiġi imsejjaġ biex iwieġeb għal reat kommess mill-korp jew għaqda: cioe' għandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jiġi mħarrek jew akkużat minħabba r-responsabilta' vikarja tiegħu. Jekk mhux għal xi ħaġa oħra, tali indkazzjoni hi meħtieġa sabiex l-imputat jew l-akkużat ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu.[4]"*

Illi filwaqt li mill-korp taċ-ċitazzjoni m'hemm xejn x'jindika li l-imputati tħarrku bħala uffiċjali tal-kumpanija. Hemm referenza fl-ewwel imputazzjoni li l-vann ġie fdat f'idejhom minħabba l-professjoni tagħhom. Apparti l-fatt li ebda prova ma tressqet dwar il-professjoni tagħhom, iżda dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tikkonkludi li qegħdin jitħarrku bħala uffiċjali ta' kumpanija.

Minn naħa l-oħra mill-provi prodotti huwa altru milli evidenti li l-imputati odjerni fl-ebda ħin ma ġew imputati li kienu qegħdin jaġixxu fil-vesti personali tagħhom.

Illi infatti kull dokument maħruġ huwa maħruġ f'isem il-kumpanija Burmarrad Commercials Limited – kemm id-dokument iffirmat minn Gino Borg meta l-vann tħalla għat-tisija u l-istess l-invoice.. Saħansitra dan huwa rikonoxxut fil-kwerela mibgħuta mill-avukat ta' Sergio Sciberras nhar il-21 ta' Ottubru 2010 fejn indika li Mario Gauci u Noel Gauci, *direttur u impjegat rispettivament ta' Burmarrad Commercials Limited C 13537), ilhom sa mill-10 ta' Settembru 2010 jżommu illegalment il-vann Leyland DAF bin-numru ta' reġistrazzjoni TFJ-240 proprjeta' tal-kwerelant, liema vann xtrah mingħand l-istess Burmarrad Commercials Limited fl-4 ta' Novembru 2009 għas-somma ta' €17,865.20.*

Għalhekk id-difiża għandha raġun dwar dan l-ilment għaliex imkien fil-korp taċ-ċitazzjoni ma ssir referenza li qegħdin jiġu ċċitati fil-vesti vikarja tagħhom.

[4] App. Inf. Il-Pulizija vs Patrick Vella – deċiża 31/08/2006

Iżda anki li kieku d-difiża ma kellhiex raġun dwar tali sottomissjoni, inkwantu għar-reat ta' approprjazzjoni ndebita din l-imputazzjoni wkoll ma ġietx ippruvata sal-grad rikjest mil-Liġi.

Din il-Qorti jidhrilha li l-kwistjoni bejn il-partijiet kienet waħda ta' indoli ċivili aktar minn kollox. Biss pero' ma jistax ma jiġix innutat li mill-provi prodotti jirriżultaw ukoll versjonijiet kontrastanti. Bla ebda dubju meta Sergio Sciberras ħalla l-vann għand Burmarrad Commercials Limited għat-tiswija huwa ħallih bl-intenzjoni li dan il-vann jieħdu lura hekk kif ikun tlesta. Fdah għand il-kumpanija biex wara t-tiswijiet huma jgħadduhulu lura. Biss pero' meta bagħat lil-lavrant tiegħu biex jiġbru lura u ntalab ħlas għal spare parts u x-xogħol imwettaq deherlu li ma kellux iħallas għar-raġunijiet minnu indikati. Dan nonostante li l-perjodu ta' sitt xhur minn mindu kien xtara l-vann kienu ddekorrew u nonostante li meta ingħata d-dokument bħala prova li l-vann tħalla għand il-kumpanija għal tiswijiet kien hemm preċiżat li l-invoice għall-parts u għax-xogħol imwettaq kellu jitħallas qabel ma l-vettura tiġi kkonsenjata lura. Għalhekk fl-10 ta' Settembru 2010, Burmarrad Commercials irrifjutat li tikkonsenja lura l-vann.

Ftit jiem biss wara ossija fis-16 ta' Settembru 2010 Sergio Sciberras bagħat ittra uffiċjali lill-kumpanija fejn talab ir-rexissjoni tal-kuntratt u r-rifużjoni tal-prezz. Il-kumpanija baqgħet issostni l-pożizzjoni tagħha, tant li l-istess Sergio Sciberras fetaħ kawża fejn kif aktar 'il fuq ingħad talab ir-rexissjoni tal-kuntratt u r-rifużjoni tal-prezz fost oħrajn u kwindi f'dak l-istadju ma riedx il-vann lura. Meta ħa l-pedana tax-xhieda quddiem din il-Qorti insista li jrid il-vann lura.

Iżda lil hinn minn dan kollu, apparti l-fatt li l-Qorti ma tqisx li l-elementi ta' miżapproprjazzjoni f'dan il-każ jissusistu anki għaliex hemm nieqes il-mens rea iżda fi kwalunkwe każ ma jirriżultax l-involviment tal-imputati fil-vesti tagħhom personali li żammew il-vann fil-vesti personali tagħhom.

Għaldaqstant anki li kieku l-elementi ta' dan ir-reat kienu jissussistu madankollu xorta l-imputati fil-vesti personali tagħhom ma setgħux jinstabu ħatja stante li r-relazzjoni dejjem kienet mal-kumpanija u semmai l-kumpanija żammet il-vann.

**Eċċezzjoni ta' Preskrizzjoni Inkwantu Għar-Reat ta' Ragion Fattasi**

Din il-Qorti tirrileva li fiċ-ċitazzjoni fit-tieni imputazzjoni hemm imniżżel li l-allegat parte leża huwa Sergio Grech. Id-difiża ma ssollevat xejn dwar dan il-fatt anki għaliex huwa evidenti li huwa żball waqt li kienet qegħda tiġi ttajpjata ċ-ċitazzjoni u fi kwalunkwe każ ma kienx hemm dubbju waqt il-proċeduri għal min kienet qegħda ssir referenza u l-imputati ma ġewx ippreġudikati fid-difiża tagħhom.

Id-difiża eċċepiet li din l-imputazzjoni hija preskritta fi kwalunkwe każ.

Illi l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li kull min jinstab ħati tar-reat ta' ragion fattasi jeħel il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur, u fid-diskrezzjoni tagħha l-Qorti tista' minflok tali piena timponi multa.

Għaldaqstant abbażi ta' dak li jiddisponi l-artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali il-perjodu preskrittiv għal tali reat huwa sentejn.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kurt Falzon,** il-Qorti tal-Appell Kriminali[5] fissret:

*…din il-Qorti tqis li r-reat ikkontemplat mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa reat ta' natura istantanja allavolja l-effetti tiegħu jaf ikunu ta' natura duratura jew permanenti. Hekk sostniet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża* ***Il-Pulizija vs. Paul Cilia*** *deċiża nhar is-7 ta' Ottubru 2015 fejn il-mertu tal-kawża kien jitratta wkoll tibdil fis-serratura ta' żewġ propretajiet :*
*Vincenzo Manzini jghid dwar ir-reat ta' ragion fattasi: "E` in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorche` possa avere effetti permanenti. Ne` importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi ininterrottamente per un certo tempo … perche` il reato si consuma nell'istante in cui l'agente si e` fatta ragione da se` medesimo con l'uso della violenza, per il quale uso e` sufficiente il fatto violento iniziale. Non si confonda, poi, il delitto permanente col delitto continuato.*

---

[5] 30 ta' Settembru 2021

*12. Il-każ in eżami jirrigwarda żewġ atti ta' kommissjoni konsistenti fil-bdil ta' serraturi ta' żewġt iħwienet. Il-fatt tal-bdil tas-serraturi kellu effett permanenti, iżda dan xorta jrid jitqies bħala reat istantaneju.*

*48. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Imħallef Harding fil-kawża* ***Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino*** *deċiża nhar is-6 ta' Diċembru 1948 fuq dan il-punt kien fis-sens li fid-distinzjoni bejn reat istantanju u reat permanenti* ***wieħed ma jridx jiffoka fuq il-konsegwenzi tar-reat għaliex b'dan il-mod ikun faċli li wieħed jikkonfondi reat istantanju ma' reat permanenti minħabba li l-effetti tiegħu jkunu duraturi*** *:*

*Din it-teżi tal-Qorti Inferjuri ma tidhirx aċċettabbli. Ir-reati kkontemplati fl-art. 75 ittri (a)(b) u (c) tal-Ordinanza III tal-1943 li bihom hu imputat l-appellant u li għalihom tapplika l-preskrizzjoni msemmija fit-tieni subartikolu tal-istess artikolu, huma reati istantanei, li huma l-essenza tagħhom stess kompjuti u eżawriti appena tkun kompjuta dik it-tali vjolazzjoni ta' liġi li tikkostitwihom; jiġifieri malli jingħata t-tagħrif falz, malli jiġi prodott id-dokument falz jew malli tiġi miżmuma t-tagħrifa materjali. Malli jsir dan l-att l-liġi hi vjolata u ma hix aktar passibbli ta' vjolazzjoni u kwindi ma hux il-każ ta' reat permanenti jew suċċessiv. Il-Qorti ta' Isfel ħarset lejn il-konsegwenzi tagħhom21 (ara Mangin 'Traite' de l'action publique' T. II no. 321 et seq. ; Le Sellyer, 'Le Traite' de l'Exercise' ecc...*

*49. Kwindi jekk skont dan l-insenjament ir-reat istantanju huwa dak li jiġi kkunsmat fil-mument li titwettaq il-vjolazzjoni li tkun tipprojbixxi l-Liġi stess, isegwi li l-lokuzzjoni tal-Liġi hija determinanti fid-distinzjoni bejn reat istantanju u reat permanenti. Dan intqal mill-istess Imħallef Harding fil-kawża* ***Il-Pulizija vs. Wiġi Abela*** *deċiża nhar is-6 ta' Ġunju 1949:*

*Hu utli li jiġi ribadit illi hu ta' l-akbar importanza li fl-applikazzjoni ta' dawna l-kriterji ġenerali wieħed joqgħod attent għal-lokuzzjoni adoperata mil-liġi fil-każ partikolari; għaliex minħabba dik il-lokuzzjoni l-konsegwenzi jistgħu jkunu diversi, bla ma b'daqshekk jiġu mibdula l-kriterji fil-ġeneralita' tagħhom.*

*50. Fid-dawl tas-suesposti prinċipji, din il-Qorti tqis kif minn interpretazzjoni tal-lokuzzjoni adoperata fl-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali joħroġ biċ-ċar li dak li l-Liġi qiegħda tirreprimi huma serje ta' azzjonijiet - bħalma hu t-tfixkil fil-pussess ta' ħwejjeġ xi ħadd, il-ħatt ta' bini, il-ksur tal-imxija tal-ilma, l-att fejn persuna tiġi mġiegħla tħallas dejn fost oħrajn - li fin-natura tagħhom jikkonsistu f'att wieħed pożittiv b'effetti li jistgħu jestendu matul iż-żmien.*

Illi f'dan il-każ irriżulta li l-vann baqa' miżmum għand u minn Burmarrad Commercials Limited. Iżda kif mgħallem wieħed ma jridx jara l-konsegwenzi u l-effetti tar-reat f'dan il-każ u dan billi r-reat ta' ragion fattasi huwa wieħed istantanju.

Fil-fehma tal-Qorti d-data li għandha tiġi kkunsidrata ai fini ta' meta beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv hija d-data meta Gino Borg mar biex jiġbor il-vann u stante li ma sarx il-ħlas ma tħalliex jieħu l-vann. Mill-atti jirriżulta li dan seħħ fl-10 ta' Settembru 2010.

Għaldaqstant huwa altru milli evidenti li din l-imputazzjoni hija preskritta stante li ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata nhar l-10 ta' Lulju 2013 u għaldaqstant ben oltre t-terminu ta' sentejn.

Dan apparti l-fatt li semmai kienet se tqum il-kwistjoni dwar kif tħarrku l-imputati kif imfisser u deċiż aktar 'il fuq.

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputati ħatja tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom, tiddikjara t-tieni imputazzjoni bħala proċediment estint stante li hija preskritta.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Maġistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Reġistratur**